Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/12*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 12 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ġimgħa 10 ta' Jannar, 2014 fis-7.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Xogħlijiet ta' emerġenza dwar ħsarat bil-maltemp

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ħaddiema tal-Gvern li qed jibnu ħitan li jkunu iġġarfu bil-maltemp talbu li jitneħħa terrapien u isir xi tħammil fi Triq il-Fanal biex ikun jista' isir ix-xogħol ta' manutenzjoni. Peress li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill ġie terminat il-kuntratt dwar dawn ix-xogħlijiet is-Sindku sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza biex sakemm jingħażel il-kuntrattur il-ġdid wara sejħa għall-offerti li diġa ħarġet, ix-xogħolijiet li jkun hemm bżonn isiru. B'hekk ix-xogħol mill-ħaddiema tal-Gvern ikun jista' jibqa' isir u anke jekk jinqala xi każ ta' emerġenza isir ix-xogħol meħtieġ.

Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud ipproponiet li għal dawn ix-xogħlijiet inqabdu lill-kuntrattur Anthony Mintoff ta' 'Eden' Triq il-Knisja, L-Għasri. Dan il-kuntrattur għandu il-makkinarju meħtieġ biex jagħmel xogħolijiet bħal dawn.

*F'dan il-ħin il-Viċi Sindku iddikjara interess pekunjarju u għalhekk ma ħax sehem fid-diskussjoni.*

Il-Kunsillier Joe Farrugia issekonda l-proposta tal-Kunsilliera Mifsud. Il-Kunsill qabel b'erba' voti favur ma' din il-mozzjoni (il-Viċi Sindku ma ħax sehem peress li iddikjara interess pekunjarju). Għalhekk meta ser ikun hemm xi xogħolijiet ser tintalab stima u x-xogħol isir minn Anthony Mintoff. Is-Sindku se jikkordina dwar dan u ser isir ix-xogħol ta' emerġenza biss.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |